# SCHOENBRUN (1) METTERNICH

Das-swali ħiemda qishom mingħajr ħajja
dari bil-lejl tistħajlhom kont xi ġenna:
għad-daqq, għaż-żfin, fost tlellix tal-mirja,
l-aħjar ta' ġensek hawn kont tiġbor, Vjenna.

Jien u għaddej ġo fihom hemm jidhirli
nara 'l Metternich (2) jinseġ xibka tiegħu
waqt li taparsi moħħu biss fit-tfajla
mixħuta kollha ħlewwa għal fuq driegħu.

F'din Napuljun rebbieħ, slaten l-Ewropa
sab jistennewh qishom tallaba msejkna
u rawh iqassam is-saltniet bid-daħka
bħal kieku kienu l-aktar ħaġa ċkejkna (3).

U żagħżugħ (4) fl-oħra li ma tafx jekk tara
intix f'għajnejh il-leħħa tal-kanun
jonkella l-wirt ta' demm nanntu Ġovanna
mifni, mill-mard irqiq, bħalha miġnun;

---

(1) Il-palazz imperjali ta' Schoënbrun ġo Vjenna ra t-traġedji kollha tal-familja imperjali Awstrijaka. Fih għall-festi kbar kien ikun hemm l-isbaħ u l-akbar spettakoli ta' ħajja żagħżugħa, tal-qawwa u tas-setgħa.

(2) Metternich, wieħed mill-aqwa diplomatiċi tal-Ewropa, gran kanċillier tal-Imperu Awstrijak, fil-ballijiet u fil-festi tal-Palazz kien isib l-aħjar okkażjoni ta' spjunaġġ internazzjonali.

(3) L-allużjoni hi għal kbir Bonaparti li meta kien f'dan il-palazz fl-aqqal tal-glorja tiegħu, is-slaten ta' l-Ewropa kienu jagħmlulu l-antikamra bħal tlaleb għall-karità.

(4) Iż-żagħżugħ huwa bin in-Napuljun, dak li meta twieled ġie proklamat re ta' Ruma. Kien ibnu mit-tieni mara Marija Lwiża tal-Awstrja. Magħruf fl-istorja bħala l-Aglon jew l-Ajkla ż-żgħira. Kellu x-xewqat ta' missieru iżda mhux il-ħila tiegħu. Il-mewt tiegħu turi li ġibed għad-demm imħassar tal-familja t'ommu. Ġovanna, magħrufa bħala Ġovanna la Pazza, kienet antenata tiegħu min-naħa t'ommu.

u xiħ (5) sabiħ u twil li għâx u saltan
bejn ġens jirvella u t'Arċiduk imut,
sa ma ġġarrfet il-ħakma ta' l-Asburgo
ma' l-aħħar raqda tiegħu ġot-tebut;

għalfejn nixref għal fuqkom, sbejħa ġonna, (6)
tfewwħu maż-żiffa ta' waqt inżul ix-xemx?
jolfqu qegħdin l-għajjun, jitniehdu l-weraq
u jibku li bħal tagħhom diqa m'hemmx.

C. M. B.

---

(5) L-Imperatur Franġisku Ġiuseppe kien raġel sabiħ u ippersonat. Ta' spiss taħtu l-ġnus li kienu jifformaw l-Imperu Ungariku kienu jqumu. Barra minn dawn id-disgrazzji kellu anki dawk tal-familja tiegħu miżgħuda b'arċiduki maqtulin jew li neħħew ħajjithom b'idejhom. L-aħħar wieħed maqtul f'Sarajevo kien kaġun tal-Gwerra l-Kbira. Ma' Franġisku Ġiuseppe spiċċat il-linja dritta ta' l-Asburgo.

(6) Il-ġonna ta' Schoënbrun huma magħmula fuq dawk ta' Tuilleries.